Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8671 — BP/Bridas/Axion)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 361/08)

1. Fid-19 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BP plc (ir-Renju Unit)

— Bridas Corporation (British Virgin Islands), ikkontrollata b'mod konġunt minn Bridas Energy Holdings Ltd u minn China Offshore Oil Corporation;

— Axion Energy Holding SL (Spanja), bħalissa fil-kontroll uniku ta' Bridas Corporation.

BP plc ("BP") u Bridas Corporation ("Bridas") se jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Axion Energy Holding SL ("Axion").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BP hija attiva fis-swieq tal-esplorazzjoni taż-żejt mhux maħdum u l-gass naturali, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tar-raffinar, tal-provvista u t-trasport ta' prodotti taż-żejt, petrokimiċi u prodotti relatati u ta' enerġija alternattiva;

— Bridas hija indirettament attiva fl-esplorazzjoni, l-iżvilupp, il-produzzjoni, it-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni taż-żejt mhux maħdum u l-gass naturali, il-kummerċjalizzazzjoni u t-trasport ta' prodotti petroliferi, il-ġbir, it-trattament, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-gass naturali u tal-elettriku, titqib u tħaffir ta' bjar u tar-raffinar, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' karburanti, lubrikanti u petrokimiċi derivattivi assoċjati;

— Axion hija attiva fir-raffinar ta' żejt mhux maħdum u l-bejgħ tal-prodotti taż-żejt u d-derivattivi tiegħu fl-Arġentina, l-Urugwaj u l-Paragwaj.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8671 — BP/Bridas/Axion

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.